# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru 1123/2021 FDP**

Fl-ismijiet

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1589/2020

fl-ismijiet

**Drifter Car Rentals Co Limited**
**(C 13960)**

**Vs**

**David Farrugia**
**(ID 329970M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 16 ta' Novembru 2021, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

***Preliminari***

*1. Fuq talba tas-sekwestranta Drifter Car Rentals Co Limited, fit-12 ta' Novembru 2020, din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru (rif.1589/2020), kontra l-esponenti (Dok. 'A').*

*2. Hija l-fehma tal-esponenti 'lli jeżistu r-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 836 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet Maltin, kif ukoll raġunijiet*

*oħra fil-mertu sabiex dan il-mandat jiġi revokat, u dan kif se jiġi spjegat hawn isfel.*

***Ir-Raġunijiet għar-Revoka***

*3. Fl-ewwel lok, jingħad illi dan il-mandat kawtelatorju, inħareġ in "[k]awtela għall-valur tal-pjanċa HMY 258 meħuda abbużivament minn David Farrugia."*

*4. Dan il-mandat intalab biex jitħares kreditu ta' ħamsa u tmenin elf euro (EUR85,000).*

*5. Wara, u ċioe entro l-għoxrin jum mill-ħruġ ta' dan il-mandat, ġiet intavolata kawża fl-ismijiet premessi fejn Drifter Car Rentals Co. Limited – fil-qosor - talbet: a) il-kanċellament tat-trasferiment tal-pjanċi 'HMY 258' u b) id-danni allegatament sofferti minnha (dejjem in vista ta' dak premess minnha fir-rikors maħluf tagħha).*

*6. Issa, in primis jingħad li huwa minnu li l-ispirtu u l-moħħ wara l-għodda tal-atti kawtelatorji huma li sekwestrant (u allura dak li jippretendi li għandu dritt) jikkawtela l-jedd tiegħu, billi jimbarra (u dan billi ma jħallix lis-sekwestrant jeħles kif irid minn ġidu għad-detriment tas-sekwestrat) lis-sekwestrat milli jagħmel ħwejjeġ li kapaċi jsarrfu fi ħsara għall-jeddijiet ta' min qiegħed ifittex li jħarishom, bill-barka tal-Qorti. Però il-liġi ma tħallix li dawn l-atti joħorġu daqs li kieku xejn m'hu xejn. Is-sekwestrat anzi, għandu d-dmir li juża dawn l-għodda b'kawtela u bil-għaqal, tant hu hekk li l-liġi stess titlob li l-att kawtelatorju in kwistjoni jiġi maħluf. Il-ġurament mitlub, bil-liġi u bl-ispirtu tagħha ifisser, li dak li qiegħed jagħmel is-sekwestrat qiegħed isir bis-sewwa, bil-ġurament u b'bona fidi, ibbażat fuq jeddijiet leġittimi u li fl-aħħar minn l-aħħar, hemm il-ħtieġa li jsir dan.*

*7. Dan magħdud, il-liġi u anke tenut dak mgħallem mill-Qorti, ma tħallix li dawn l-atti jintużaw bħala għodda sabiex wieħed jikseb vantaġġ tattikku. Il-mandati għandhom jiġu użati bħala tarka u mhux bħala arma. Hekk ingħad fil-provediment mogħti fl-ismijiet 'Sammut vs. Sammut' (rif. 1094/2002 – provvediment mgħoti fil-5 ta' Ġunju 2003) – "Il-Mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex iservu ta' tarka għal min jippretendi li hu kreditu, però, m'għandhomx jintużaw bl-addoċċ u lanqas m'għandhomx jintużaw bi skop li jweġġgħu jew ipattu, aktar milli jikkawtelaw." Ġie deċiż ukoll f' 'Paul Attard noe vs Loreto Abela' (rif. 1934/1997/1 – provvediment mogħti fil-25 ta' Mejju 2005) illi: "Il-Qrati tagħna dejjem għarfu wkoll li l-jedd li wieħed idur għal rimedji ġudizzjarji ma għandux jitbiddel f'abbuż tal-proċedura bil-ħsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragħ, iġib lill-parti avversarja f'qagħda li jkollha ċċedi għar-rikatt, għandha jew m'għandhiex raġun".*

*8. Fuq l-istess linja ta' ħsieb hemm rassenja ta' pronunzji ġudizzjarji mill-Qrati tal-ħaqq tagħna li lkoll – fi kliem jew ieħor – jgħallmu u*

*jrawwmu li dan il-mezz (speċjalissimu) proċedurali m'għandux jintuża kif ġieb u laħaq.*

*9. Issa u għalhekk, fl-ewwel lok, l-esponenti qiegħed itarraf dan ir-rikors fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12. Dan jiddetta li, att kawtelatorju, jista' jiġi revokat "jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv"; dan dejjem fuq talba ta' min ikun ġie sekwestrat.*

*10. B'żieda mal-binarju premess, l-esponenti qiegħed jistrieħ ukoll fuq dak li jgħid l-artikolu 836(1)(f) tal-Kodiċi Proċedurali, ta' fejn meta "jintwera li fiċ-ċirkustanzi ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

*11. L-esponenti qed jinqeda b'dawn iż-żewġ binarji (naturalment waħda alternattiva għall-oħra) sabiex jottjeni t-tħassir kollu ta' dan l-att kawtelatorju li nħareġ kontrih.*

*12. Fih nnifsu u min dak li ġie skritt fl-att, dan il-mandat isemmi biss ċifra biex jikkawtela (dejjem skont il-fehmiet maħlufa tas-sekwestranta Drifter Car Rentals Co Limited) prezz ta' pjanċa. Il-kreditu kawtelat jgħodd il-EUR85,000.*

*13. Issa mingħajr ma joqgħod jidħol fil-kredu kollu tal-kawża fil-mertu, l-esponenti jirrileva primarjament li l-unika ħaġa li qiegħda fattwalment tissostanzja il-ħruġ ta' dan l-att huwa l-ġurament tas-soċjetà sekwestrata. La ġiet elenkata xi tip ta' stima ta' din il-pjanċa, la forsi prospett, la ħaġa u 'qas oħra. Però Drifter Car Rentals Co Limited għamlet kawża; barra min dan, din iċ-ċifra ta' ħamsa u tmenin elf, fir-rikors maħluf ta' Drifter ma tissemmiex lanqas.*

*14. Allura l-esponenti jistaqsi, fuq liema konteġġi strieħet s-sekwestranti?*

*15. F'dan l-istadju, (u mingħajr dubju skont il-fehmiet tas-sekwestranta), dan il-mandat jidher li qiegħed jikkustodja il-kawża fuq il-mertu (rif. 1143/2020).*

*16. Però, (u dan sejjer jingħad l-aktar b'mod speċjali wara li din l-Onorabbli Qorti kellha l-opportunità li tisma' żewġ xhieda ferm importanti, fl-atti tal-kawża prinċipali) jirriżulta ċar li dak li l-mandat qiegħed jittenta jikkawtela ma jista' qatt ikun ekwiparat maċ-ċifra ta' ħamsa u tmenin elf.*

*17. Issa, mill-qari tar-rikors maħluf, (is-seba' premessa) testwalment jgħid li "l-valur tal-pjanċa HMY 258 hija ta' madwar ħamsa u tmenin elf euro (€85,000) filwaqt li l-pjanċa JVY 014 li hija 'white plate' għandha valur ferm anqas għall-operat tan-negozju tas-soċjetà rikorrenti." Din iċ-ċifra però tibqa' mhux sostanzjata b'xi tip ta' prova – tal-inqas prima facie – li tiġġustifika l-ħruġ tal-att kawtelatorju. Hija l-fehma tal-esponenti, li*

*ġurament waħdu ta' min qiegħed iħarrek, m'għandux ikun biżżejjed – l-anqas mad-daqqa t'għajn – biex jiġġustifika bis-sewwa l-kawtela mitluba.*

*18. Miżjud ma' dan, l-esponenti stenna l-iżvolġiment tal-kawża biex ressaq din it-talba. Ir-raġuni kienet li dan ittama li f'xi ħin jew ieħor, Drifter Car Rentals Co. Limited, ġġib xi provi biex tissostanzja l-ammont ta' EUR85,000.*

*19. Il-vertenza kollha ta' din il-kawża, hija primarjament fuq id-differenza (fil-valur) ta' bejn il-pjanċi l-ħomor u l-pjanċi l-bojod. Drifter Car Rentals Co Limited qiegħda tixli li David Farrugia frodaha meta partat il-pjanċa bajda tiegħu ma waħda ħamra li kellha l-kumpanija. Skont Drifter Car Rentals Co Limited il-pjanċa li tat hi kienet tiswa ħafna aktar mill-pjanċa li tagħha David Farrugia. Din il-vertenza prattikament torbot u tħoll l-eżitu ta' din il-kawża.*

*20. Issa, fil-mori tal-kawża, tressqu żewġ xhieda prinċipali, li dawn żgur fil-kapaċità tagħhom setgħu jixhdu fuq l-valur tal-pjanċa HMY 258 (li hija 'red plate') – xehed, f'dan is-sens, Stewart Abdilla rappreżentant tal-Co Op Services Ltd (il-koperattiva li tieħu ħsieb il-minibuses il-ħomor) u xehed ukoll Rappreżentant ta' Transport Malta. Jekk xejn, setgħu jkunu biss dawn in-nies, li skont il-liġi (qua - ħa insejħulhom hekk - 'esperti oġġettivi' fil-lant tax-xogħol tal-pjanċi tal-vetturi) jiċċertifikaw u jaħilfu li l-pjanċa tal-vann HMY 258 tiswa (tal-inqas 'bejn wieħed u ieħor') iċ-ċifra ta' ħamsa u tmenin elf euro.*

*21. Imma, dawn ix-xhieda qalu kompletament bil-kontra (Dok. 'B').*

*22. Stewart Abdilla qal li 'llum il-ġurnata ma tagħmilx differenza jekk toperax b'white jew red plate, għaliex skont hu "Illum il-ġurnata kulħadd jista' jagħmel ix-xogħol li jkun. Anke fit-2019 ... is-suq huwa miftuħ. Red plate, white plate ... kollox ... kulħadd jista' jagħmel [li jrid]."*

*23. Brian Farrugia (Rappreżentant ta' Transport Malta) ġie mistoqsi fuq id-differenza bejn il-pjanċi l-ħomor u l-bojod. U dan xehed hekk:*

> *"Dr Kirk Brincau :*
>
> *Tista' tispjegalna ftit id-differenza bejn dik li hija indikata bħala red u dik li preżentajt qabel u indikata bħala Y. Hemm xi differenza fl-użu tagħhom dawn fil-ġarr tal-passiġġieri?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Illum ma hemmx differenza. Nerġa' ngħid li dan jirrisali qabel ...*
>
> *Il-Qorti :*
> *Illum jista' jkun pink.*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Illum tista' li trid ...*

> …
>
> *Dr Kirk Brincau :*
> *Mela aside mill-kulur ta' white u red … qed nifhem li ma hemmx differenza bejn dawn in-number plates li preżentajt?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Illum il-ġurnata … le ma hemmx … qed nitkellmu fuq l-istess vann għad li n-numri daru. … ."*

24. *Mela allura, fil-każ in eżami, u dan meta wieħed jgħarbel a) dak li jidher minn l-att kawtelatorju nnifsu u b) min dak li ġie mixhud min dawn iż-żewġ xhieda li huma biss – tenut kont tal-vesti u tal-kapaċità li huma jħaddnu - setgħu jixhdu fuq id-differenza fil-valur tal-pjanċi, u anke allura min eżami tad-daqqa t'għajn li jintalab mill-liġi, iċ-ċifra f'att kawtelatorju tibqà biss xnieha bla sustanza ta' Drifter Car Rentals Co Limited.*

25. *Allura, dak li oġġettivament joħroġ minn l-att kawtelatorju huwa li s-sekwestrata qabdet u b'mod azzardat u ressqet pretensjoni ta' ħamsa u tmenin elf euro in "kawtela għall-valur tal-pjanċa HMY 258" – liema pjanċa skont ix-xhieda ('l fuq kwotata) hija mingħajr valur (jew aħjar, li m'hemmx differenza fil-valur ta' bejn pjanċi ħomor u bojod). Huwa ferm faċli għal min iħarrek li jfaqqas ċifra li huwa jemmen li tkun tixraqlu, jieħu ġurament u jiftaħ kawża. Il-ġurament waħdu (speċjalment f'dawn iċ-ċirkostanzi kif murija f'din it-talba) m'għandux jintuża bħala mezz biex iġib lill-imħarrek daru mal-ħajt, b'mandat fuq ġidu, u dan għax illetika miegħu, sakemm il-kawża ddum imdendla. Jekk dan jitħalla jsir, allura sejra tinfetaħ opportunità tad-deheb għal min irid jabbuża min dawn l-għodda (li l-intendiment tagħhom kien wieħed ferm tajjeb), li b'ġurament biss (mingħajr xrara prova) jirnexxilu jissekwestra ġid l-imħarrek, tul id-durata tal-kawża.*

26. *Għalhekk, u f'dawn iċ-ċirkustanzi l-ammont kawtelat qatt ma jista' jiġi meqjus 'qas mill-lenti ta' prima facie li huwa ġġustifikat, u mingħajr ebda dubju huwa wieħed 'eċċessiv', u lanqas m'hu qiegħed jintwera li jkun sewwa u 'ġustifikat' li dan l-att kawtelatorju jibqa' fis-seħħ kontra l-esponenti.*

***Talba għall-garanzija (Art. 838A tal-Kapitolu 12)***

27. *L-esponenti, (mhux b'ritaljazzjoni jew vendetta), in vista tad-diffikultajiet li ġab magħhom mandat ta' ħamsa u tmenin elf, qiegħed jitlob li jitħaddem l-provediment tal-artikolu 838A tal-Kodiċi proċedurali. Dan jgħid li "Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."*

*28. Tabilħaqq, din il-garanzija għandha tirresponsabilizza lis-sekwestrata biex tara li tuża l-għodda proċedurali sewwa u kif imiss, u mhux b'sens ta' vendetta jew rikatt, jew b'arma kontra l-imħarrek. Is-sekwestranta għandha, għalhekk, terfa r-responsabbiltà ta' għemilha, ta' dak li hija wettqet meta bl-addoċċ talbet il-ħruġ ta' dan l-att kawtelatorju.*

***Konklużjoni***

*29. In vista ta' dak suespost, hija l-fehma tal-esponenti illi jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex jitħassar fl-intier tiegħu, il-mandat ta' sekwestru odjern abbażi tal-artikolu 836(1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12.*

*30. Ukoll, għar-raġunijiet hawn fuq sottomessi, l-esponenti qiegħed ukoll jinvoka id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 838A, għall-għotja tal-garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista tiġi 'l quddiem imposta bħala danni b'konsegwenza tal-ħruġ ta' dan il-mandat.*

***Talbiet***

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbu illi prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja fiċ-ċirkostanzi, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1143/2020 fl-ismijiet premessi b'mod sħiħ, u dan ai termini tal-artikolu 836(1) (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Sussidjarjament tordna lis-sekwestranta Drifter Car Rentals Co Limited sabiex, fit-termini tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti, fi żmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax.*

*3. Tordna u tagħti kull dawk il-provedimenti kollha li din il-Qorti jidrilha opportun.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-sekwestranta.*

2. Rat illi fit-22 ta' Diċembru 2021, s-soċjeta' Drifter Car Rentals Co Limited laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

*Eżami prima facie*

*1. Primarjament u fuq bażi preliminari jibda' biex jingħad li f'dan l-istadju l-kwestjoni fil-mertu li teżisti bejn il-partijiet ma għandhiex u ma tistax tiġi ssindikata u wisq anqas deċiża fil-kors ta' dawn il-proċeduri. Fi proċeduri bħal dik odjerna l-Qorti għandha tagħmel biss eżami fuq bażi prima facie dwar jekk jeżistux l-estremi tal-liġi kif stabbiliti fl-artikolu 836 tal-Kap.12. "Fil-ħruġ ta' atti kawtelatorji ma hemmx għalfejn li jiġi pruvat*

*li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun biżżejjed li minn qed jitlob il-ħruġ tal-mandat jikkonferma bil-ġurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proċeduri mhux intiżi biex iservu ta' reviżjoni għar-rigward tal-ordni tal-ħruġ tal-mandat. Dawn il-proċeduri jsiru sabiex jiġi stabbiliti jekk jeżistux l-estremi li trid il-liġi, skond il-provvedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jiġi revokat in parte jew in toto. Għalhekk mhux neċessarjament jiġu prodotti dokumenti sabiex jikkonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwestjoni hu ta' preġudizzju lill-rikorrenti mhux raġuni valida għala l-mandat għandu jiġi revokat;" ['Taormina Holdings Limited vs Biochemicals International Limited', Rik. Nru. 715/2003 deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru 2003].*

*i) It-talba għar-revoka taħt l-artikolu 836(1) (d) u 836(1) (f)*

*2. Illi jirriżulta li minkejja li r-rikorrenti qiegħed tramite dawn il-proċeduri jibbaża r-rikors tiegħu fuq żewġ binarji sabiex jitlob ir-revoka tal-mandat intavolat mis-soċjeta esponenti – ċioe l-Artikolu 836(1)(d) u l-Artikolu 836(1)(f) – il-bażi argumentattiva hija essenzjalment l-istess u ċioe li skond ir-rikorrenti m'hemmx differenza fil-valur bejn pjanċa ħamra u waħda bajda;*

*3. Illi sabiex jagħti sostenn għat-teżi tiegħu r-rikorrenti jagħmel referenza għax xhieda ta' Stewart Abdilla (Rappreżentant tal-Coop) u Brian Farrugia (Rappreżentant ta' Transport Malta) it-tnejn tas-7 ta' Lulju tas-sena 2021;*

*4. Illi fir-rigward tax-xhieda ta' Brian Farrugia jingħad li din ġiet iċċarata fl-aħħar udjenza quddiem din l-Onorabbli Qorti, 15 ta' Diċembru 2021, fejn l-istess Brian Farrugia iċċara li filwaqt li pjanċa ħamra ma titqies differenti ai finijiet amministrattivi tal-Awtorita' u għaldaqstant ma għandhiex valur għall-Awtorita', s-sitwazzjoni fis-suq hija ferm differenti u dan għaliex il-valur ta' pjanċa ħamra fis-suq jaqbeż mitt elf ewro (€100,000);*

*5. Illi s-soċjeta' esponenti filwaqt li ma għandhiex transcript tal-imsemmija xhieda ta' Brian Farrugia tal-15 ta' Diċembru 2021 tagħmel referenza pjena għall-istess u titlob lil din l-Onorabbli Qorti tieħu konjizzjoni tagħha;*

*6. Illi jifdal għalhekk ix-xhieda ta' Stewart Abdilla rappreżentant tal-Coop li kien ferm evażiv fix-xhieda tiegħu u saħansitra ma riedx jispejga x'inhu l-benefiċċju li wieħed ikun membru tal-Coop u kompla jkun evażiv meta mistoqsi jippreżenta l-istatut tal-Coop!*

*7. Illi in bona fide u mingħajr f'dan li stadju ma nidħlu f' allegazzjonijiet ta' relazzjoni bejn ix-xhud u l-intimat u/jew kwistjonijiet ta' jekk ix-xhieda ta' Stewart Abdilla tistax tiġi kunsidrata jew le sperġur – u filwaqt ukoll li l-esponenti tirriżerva d-drittijiet tagħha fir-rigward jekk l-imsemmi xhud ma jkunx aktar kooperattiv u jipprovdi spjegazzjoni xierqa*

*u veritiera fil-futur, l-esponenti qiegħda tagħmel referenza għat-telefonata li saret bejn John Borg bħala rappreżentant tas-soċjeta' esponenti u rappreżentant tal-Coop Services;*

*8. Illi tajjeb jiġi spjegat li fl-14 ta' Diċembru 2021 John Borg ċempel b'mod anonimu lil Coop Services fuq in numru tagħhom 2226 5800 u għamel ċertu mistoqsijiet ġenerali relatati mal-valur tal-pjanċi ħomor (Recording misjub fuq pendrive anness bħala Dok. R1, Transcript tar-recording anness bħala Dok. R2, rekord telefoniku anness bħala Dok. R3, dettalji tat-telefon tal-Coop meħudin mis-sit elettroniku tagħhom anness bħala Dok. R4). Ċertu Jeremy, kunjomu mhux magħruf, wieġeb mingħajr ebda tfixkil li pjanċa ħamra fis-suq tinxtara bejn mija u għoxrin elf ewro (€120,000) u mija u tmenin elf ewro (€180,000):*

> *John Borg: Ehe għax smajt. Imma biex nixtri pjanċa mingħand xi ħadd kemm qiegħda bejn wieħed u ieħor?*
> *Coop Services (Jeremy): Skont, għandek mija u ħamsin elf (€150,000), mija u tmenin (elf) (€180,000) ...*
> *John Borg: U l-inqas?*
> *Coop Services (Jeremy): Ma nafx skont ix-xogħol.*
> *John Borg: U jekk ma jkollux xogħol kemm tmur Jer?*
> *Coop Services (Jeremy): Ma nafx. Heqq ifhem għandek mija u ħamsin (elf) (€150,000) żgur għax għoliet iġifieri.*
> *John Borg: Mija u ħamsin elf (€150,000) pjanċa Madonna.*
> *Coop Services (Jeremy): Xi ħaġa hekk kważi. Ejja ngħidu ħa mija u għoxrin (elf) (€120,000), mija u tletin (elf) (€130,000).*

*9. Illi s-soċjeta' esponenti ma tistax ma tirrimarkax bi tħassib li hija ferm inkwetanti li rappreżentant tas-soċjeta' esponenti rnexxielu jġib aktar informazzjoni mill-Coop minn telefonata informali ta' madwar żewġ minuti milli seta' l-avukat tal-istess esponenti meta eżamina rappreżentant tal-Coop taħt Ġurament!*

*10. Illi hija wkoll ferm inkwetanti li Stewart Abdilla (xhud) seta' prova b'intenzjoni tiegħu jew fl-aħjar ipotesi b'injoranza u negliġenza grossa jagħmel dannu lis-soċjeta' esponenti;*

*11. Illi ingħad dan jirriżulta u huwa ampjament ċar, anke f'dan l-istadju, li l-valur kawtelat – ċioe s-somma ta' ħamsa u tmenin elf ewro (€85,000) - hija somma ferm konservattiva;*

*12. Illi għandu jingħad ukoll ai kull buon fini li l-intimat ikkawża u qiegħed ikompli jikkawża dannu konsiderovoli lis-soċjeta' esponenti li ma tistax tuża l-imsemmija pjanċa ħamra għal skop ta' negozju u li fil-proċeduri bejn il-partijiet hemm ukoll talba da liquidarsi u li l-esponenti qiegħda fil-proċess sabiex tippreżenta provi fuq l-istess u liema danni bil-bosta wkoll jissuperaw l-ammont kawtelat;*

*ii. It-talba għall-għoti ta' garanzija ai termini tal-artikoli 838A*

> *13. L-għoti ta' garanzija taħt l-artikolu 838A mhix meħtieġa għaliex kif ġie osservat il-pretensjoni tal-esponenti huma ġustifikati u l-mandat de quo huwa meħtieġ sabiex dawn il-pretensjoni jiġu kawtelati. Ma ntweriet ebda raġuni tajba mir-rikorrenti, hekk kif tirrikjedi l-liġi f'artikolu 838A sabiex tingħata l-garanzija konteplata f'dak l-artikolu. Fil-kawża John sive Gino Cutajar et v Alfred Falzon Sant Manduca (11/07/2013) intqal illi:*
>
> *"Irid jittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-prinċipju legali li kull minn juża bil-qies dritt mogħti lilu bil-liġi qatt ma jista' jkun suxxettibbli għad-danni."*
>
> *14. Illi ta' min isemmi ukoll illi minkejja li l-mandat ġie preżentat fit-12 ta' Novembru 2020 (ċioe aktar minn sena ilu) saret biss ċedola ta' depożitu waħda (nru 1865/2020) mill-BOV fl-ammont ta' mija u sebgħa u erbgħin ewro u disa' ċenteżmi (€147.09) li bl-ebda mod ma tikkawtela l-pretensjonijet tal-esponenti u turi li r-rikorrenti qiegħed jaħbi l-finanzi tiegħu sabiex ma jsirux depożiti oħrajn;*
>
> *15. Illi filwaqt li l-mandat intavolat mill-esponenti ma jistax jitqies li kellu skop ta' arm twisting għal raġunijiet ġja spjegati, din it-talba għal garanzija magħmula mir-rikorrenti ċertament għandha dan l-iskop;*
>
> *In vista ta' dak kollu hawn espost, fl-umli opinjoni tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha magħmula mir-rikorrenti u għandha konsegwentement tikkonferma l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ minnha.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet, illi saret fil-15 ta' Marzu 2022, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita għal deċiżjoni finali.

5. Rat l-atti tal-kawża 1143/2020, fl-ismijiet '**Drifter Car Rentals Co. Limited vs David Farrugia**' li qiegħda tinstema' minn dina l-Qorti, kif komposta.

## Konsiderazzjoni Fattwali

6. Jirriżulta illi bejn il-partijiet hemm proċeduri pendenti, fejn is-soċjeta' Drifter Car Rentals Co Limited qiegħda titlob, inter alia, sabiex jiġi dikjarat illi trasferiment ossija skambju ta' żewġ vetturi bi pjanċi ta' reġistrazzjoni, ossija HMY 258, ġia propjeta' tas-soċjeta' Drifter Car Rentals Co Limited u JVY 014, ġia propjeta' ta' David Farrugia jiġi dikjarat null u bla effett għax seħħ bi frodi.

7. Jirriżulta illi, t-trasferiment sar bi prezz ta' €6,000, skond ftehim iffirmat fis-16 ta' Settembru 2019.

8. Jirriżulta illi s-soċjeta' Drifter Car Rentals Co Limited tikkontendi illi l-valur tal-pjanċa ta' Reġistrazzjoni minnha trasferita tiswa €85,000, liema valur ma huwiex rifless fin-numru ta' Reġistrazzjoni lilha trasferit minn David Farrugia.

9. Jirriżulta illi, għaldaqstant, permezz tal-proċeduri 1143/20, huwa qiegħed jitlob r-rexissjoni tat-trasferiment ta' HMY 258 kif ukoll għall-ħlas ta' danni.

10. Jirriżulta illi David Farrugia, rikorrent fil-proċeduri odjerni, qed jikkontesta t-talbiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

11. Jirriżulta illi, kontestwalment mar-rikors promotur, is-soċjeta' Drifter Car Rentals Co. Ltd intavolat il-Mandat ta' Sekwestru Nru 1589/2020 fl-ammont ta' ħamsa u tmenin elf Euro (€85,000).

12. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent odjern, David Farrugia, qiegħed jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru abbażi tal-Artikolu 836 (1) (d) peress illi ma huwiex prima facie ġustifikat u huwa eċċessiv, kif ukoll abbażi tal-Artikolu 836 (1) (f) peress illi ma huwiex ġustifikabbli.

13. Jirriżulta wkoll illi l-istess rikorrenti, David Farrugia, qiegħed jitlob lis-soċjeta' Drifter Car Rentals Co Limited sabiex, a tenur tal-Artikolu 838A tal-Kap 12, tagħti garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali.

14. Jirriżulta illi, s-soċjeta' intimata fil-proċeduri odjerni, Drifter Car Rentals Co Limited, fir-riposta tagħha, insistiet illi l-ammont kawtelat kien wieħed konservattiv in vista tan-natura tal-Pjanċi ta' Reġistrazzjoni HMY 258 filwaqt illi asseriet illi ma hemm ebda raġuni valida għalxiex hija għandha tagħmel tajjeb għal penali b'garazija, kif mitlub.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

15. Il-Qorti tibda billi tosserva illi, f'każi ta' tali natura, dak illi għandha tagħmel dina l-Qorti ġie ġia ampjament ikkunsidrat f'varji deċiżjonijiet ta' dawna l-Qrati, u hawnhekk tqis illi għandha tagħmel referenza għal dak deċiż mill-Prim' Awla fit-28 ta' April 2015 fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd**, fejn intqal is-segwenti:

> *"…fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija <u>bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza</u> għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u <u>l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie</u>.* (sottolinjar ta' dina l-Qorti)

16. Dan intqal ukoll fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Gové et**, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, fejn il-Qorti qalet:

> *"mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta'* ***<u>prima facie</u>*** *(*sottolinjar ta' dina l-Qorti*) u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

17. L-istess ġie rilevat fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 744/2015 fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et vs Bianco Charles et,** deċiż fl-20 ta' Jannar 2016, fejn intqal is-segwenti:

*Għalhekk dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali ta' l-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. (Ara Kumm. GMA 23 ta' Ġunju 1994: "Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et"). Illi dan ifisser illi l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv kkontestat jiġi definit minn Qorti. ("Vincent Mercieca vs George Galea" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; "Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited" - P.A. (RCP) 5 ta' Ġunju 2007).*

18. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent David Farrugia talab lis-soċjeta' Drifter Car Rentals Co Limited tiġi ordnata tagħti garanzija xierqa, u l-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal dak illi qalu l-Qrati tagħna dwar tali kwistjoni, u ssir referenza għal każ '**Paul Caruana vs Global Executive Search Limited et**' deċiża fil-31 ta' Jannar 2017, fejn il-Qorti qalet dan:

*Illi dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi. Il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta` fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.*

*Illi fil-każ "Paul Attard noe. vs Loreto Abela" – P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, ingħad hekk:*

*Illi għar-rigward tal-azzjoni attriċi immirata għall-kundanna tal-imħarrek għad-danni minħabba u b'konsegwenza ta' ħruġ ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewġ prinċipji ewlenin; l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għall-jedd li għandu ma jitqiesx li hu responsabbli għall-ħsara mġarrba minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur"); it-tieni wieħed huwa dak li l-jedd li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorita` ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn;*

*Illi ġeneralment l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju. F'dan ir-rigward ingħad li għalkemm, ir-raġunijiet li għalihom min ikun talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab ħati għad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taħt ir-regoli ġenerali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna*

> *tkun mexxiet b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*
>
> *F'dan il-kuntest, in linea ta' prinċipju huwa ritenut li dak li tikkundanna l-liġi huwa l-abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja. (Ara Spiteri vs Camilleri P.A. deċiża fl-10 ta' Jannar 1992, u John Zarb vs Port Cottonera Limited P.A. deċiża fit-18 ta' Settembru 2002).*

**Konsiderazzjonijiet finali**

19. Jirriżulta illi, kif ġia fuq osservat, din il-Qorti għandha tqis tali kwistjoni unikament fuq bażi '*prima facie*' filwaqt illi kwalsiasi konsiderazzjonijiet hawn magħmula ma għandhomx jitqiesu li jimpinġu fuq id-deċiżjoni finali tal-proċeduri bejn il-partijiet.

20. Jirriżulta, '*prima facie*', illi sar ftehim bejn il-partijiet, li għandu valur ta' €6,000, liema ftehim is-soċjeta' Drifter Car Rentals Co Limited qiegħda titlob in-nullita tagħha.

21. Jirriżulta, ukoll illi l-istess soċjeta' qiegħda titlob il-ħlas tad-danni, liema danni hija kkwantifikat fl-import ta' €85,000.

22. Jirriżulta, madanakollu, illi l-bażi tal-azzjoni odjerna hija l-ftehim oriġinali tas-16 ta' Settembru 2019, liema ftehim għandu valur ta' €6,000.

23. Jirriżulta, għalhekk, illi filwaqt illi l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru odjern kien wieħed ġustifikabbli, stante illi l-istess soċjeta' Drifter Car Rentals Co Limited pproċediet kontra r-rikorrent odjern David Farrugia, tali Mandat, madanakollu, jista' jitqies bħala eċċessiv, in vista tal-valur stabbilit bejn il-partijiet għat-trasferiment, illi issa huwa l-meritu tal-kawża odjerna.

24. Jirriżulta, għalhekk, illi t-talba tar-rikorrenti David Farrugia timmerita illi tiġi milqugħa parzjalment, u dana billi jiġi ridott l-import tal-Mandat ta' Sekwestru, minn €85,000, għal €6,000.

25. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi ma jeżistu ebda raġunijiet fattibbli sabiex dina l-Qorti tordna lis-soċjeta' Drifter Car Rentals Co Limited biex tagħti garanzija għall-penali, kif mitlub mir-rikorrenti David Farrugia.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** parzjalment l-ewwel talba rikorrenti, u dana billi, filwaqt illi żżomm ferm l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru 1143/2020 fl-ismijiet fuq premessi, tirriduċi l-import tiegħu mis-somma ta' ħamsa u tmenin elf (€85,000) għas-somma ta' sitt elef (€6,000).

**Tiċħad** it-tieni talba tar-rikorrenti.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**